A.L. 5 ta' l-1995

ATT DWAR L-AWTORITÀ TAD-DJAR
(KAP. 261)

Ordni ta' l-1995 dwar l-Awtorità tad-Djar
(Trasferiment ta' Proprjetà)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 ta' l-Att dwar l-Awtorità tad-Djar, il-President ta' Malta għamel l-ordni li ġej:—

Titolu.

1. Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1995 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà).

Proprjetà speċifikata.

2. Il-proprjetà deskritta fl-artiklu 4 ta' dan l-ordni hi b'dan speċifikata għall-finijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-Att dwar l-Awtorità tad-Djar.

Jum stabbilit.

3. Il-proprjetà speċifikata fl-artiklu 2 ta' dan l-ordni għandha tiġi trasferita lill-Awtorità tad-Djar u tiġi vestita fiha kif provdut fl-imsemmi artikolu b'seħħ mit-30 ta' Novembru, 1994.

Deskrizzjoni ta' proprjetà speċifikata.

4. Il-proprjetà msemmija fl-artiklu 2 ta' dan l-ordni hi din li ġejja, jiġifieri:

(1) Biċċa art li tagħmel parti mill-Qasam tad-Djar tal-Gvern fis-Swieqi, limiti ta' San Ġiljan, tal-kejl ta' madwar 1,644 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana ma' Triq il-Wasliet, mix-Xlokk ma' Triq is-Sidra u mil-Lvant ma' Triq il-Għajn, delineata bl-aħdar fuq L.D. 80/84/5.

(2) Biċċa art li tagħmel parti mill-Qasam tad-Djar tal-Gvern Is-Sgħajtar, limiti Naxxar, tal-kejl ta' madwar 428 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana ma' Triq il-Qoton, mix-Xlokk ma' Triq l-Għakkies, u mill-Majjistral f'parti ma' proprjetà tal-Gvern u f'parti oħra ma' proprjetà ta' Joseph Grixti, delineata bl-aħdar fuq L.D. 142/81/13. Fil-Lbiċ hemm ukoll servitù ta' tieqa li tinsab fl-ewwel sular tal-fond T.H. 68 li qiegħed fi Triq l-Għakkies.

(3) Flat numru 2, Entratura D, Appartamenti l-21 ta' Settembru, 1964 fi Triq il-Villa ta' l-Ammirall, Kalkara (Tenement No. 76641).